**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 13 ta' April 2021**

**Rikors nru: 93/2021 AGV ;**

**Dr ABC**

**vs**

**Dr DC**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors tar-rikorrenti, datat 8 ta' Marzu 2021, fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat;**

1. Illi l-partijiet zzewgu f' Malta fis-26 ta' April 2009;
2. Illi daz-zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku skont kif jista' jirrizulta mic-certfikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. A;
3. Illi minn daz-zwieg twieldu il-minuri EC, fil-11 ta' Frar 2011, u FC fit- 12 ta' Mejju 2013, u kwndi ghandhom minuri;

**4.** Illi daz-zwieg tkisser rriemdjabilment u l-partijiet kienu gew debitament awtorizzati permezz ta' digriet ta' dil-Qorti, datat 29 ta' Jannar 2016 sabiex jipprocedu ghal seperazzjoni ta' kuntratt ta' separazzjoni personali;

**5.** Illi ghaldaqstant is-separazzjoni tal-partijiet diga' hi regolata permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-nutar Enzo Dimech datat 2 ta' Frar 2016, kopja tieghu tinsab hawn annessa u mmarkata Dok B;

**6.** Illi l-esponenti ilhom legalment separati ghal aktar minn 4 snin ;

**7.** Illi ma hemmx possibilita' ta' rikonciljazzoni bejniethom, u l-partijiet jghixu hajjiet kompletament seperati;

**8.** Illi skont il-kuntratt ta' seperazzjoni perosali Dok. B, l-esponenti DC ihallas mantenimenti ghall-minuri;

**9.** Illi l-manteniment qed jithallas regolarment mil-konevnut skont kif miftehiem bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni- Dok B;

**10.** Illi skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni Dok B, il-partijiet irrinunzjaw rispettvament ghad-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin ;

**11.** Illi dal-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**12.** Illi l-esponenti Dr. ABC tixtieq tirreverti ghal kunjom xbubitha u cjoe' 'G';

**Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din Onorabbli Qorti sabiex;**

a. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
b. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess.
c. Tordna lid-Direttur Registru Pubbliku jaghmel dak kollu necessarju sabiex l-esponenti tirreverti ghal kunjom xbubitha, u jsiru l-annotazzjonijiet necessarji .

**Il-Qorti rat ir-risposta ta' Dr. DC datata 8 ta' April 2021 fejn espona bir-rispett;**

**1.**Illi l-esponenti jaqbel mal-pronunzjament tal-hall taz-zwieg kif mitlub fir-rikors promutur, u jiddikjara li ma hemm ebda impendiment ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ghalhekk rat li l-elementi rikjesti mil-ligi ghall-ghoti tad-divorzju gew soddisfatti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti tilqa' it-talba tal-esponenti  li tirreverti ghal kunjom xbubitha' cjoe' 'G'.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**